MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 508/2002/1

**Angelo, Rev.Carmelo, Consiglio, Lorenzo, Maria, Giuseppe Caruana, u Concetta Pullicino, ahwa Zammit.**

**-vs-**

**Tereza Gatt, Joseph u Eleonora mizzewgin Agius, Carmelo u Gemma mizzewgin Curmi, u Prof. Anthony u Rose mizzewgin Bonanno.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta’ Mejju, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Li l-konvenuti b'ittra tas-26 ta' Marzu 2002 mibghuta lill-istanti avanzaw pretensjoni fil-konfront tal-istanti illi huma ghandhom dritt ta' proprieta' fuq "parti mill-art ossia raba maghruf bhala 'Tan-Nokkra, fil-Bajja ta' San Tumas limiti ta' Marsaskala".

Li l-stanti jridu jehilsu minn dik il-millantazzjoni pregudizjevoli ghalihom.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti timponilhom terminu perentorju li fih huma ghandhom igibu 'l quddiem permezz ta' kawza il-pretensjoni taghhom hawn fuq imsemmija; u

2. Ghaliex, jekk jonqsu li jgibu 'l quddiem dik il-kawza fit-terminu lilhom moghti, m'ghandux jigi lilhom impost is-skiet ghal dejjem u ma jkunux jistghu izjed jagixxu ghall-pretensjoni li ghaliha tirriferixxi t-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-4 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi preliminarjament in-notifika tac-citazzjoni ma hijiex korretta ghaliex l-konvenuti joqghodu f'indirizzi differenti u separati minn dak citat mill-atturi ghajr ghal Teresa Gatt li toqghod fl-indirizz indikat.

2. Illi preliminarjament ukoll l-konvenuti jew xi hadd minnhom ma ppresentaw ebda att gudizjarju kontra l-

atturi sabiex issostnu d-drittijiet li ghandhom fuq l-imsemmija bicca art u ghalhekk l-procedura addotta mill-atturi ma hijiex konformi mad-depozizzjonijiet relattivi fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. Illi preliminarjament ukoll sabiex setghu jigu ntavolati dawn il-proceduri ghadu ma skadiex it-terminu prefiss mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk huma intempestivi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li inghad aktar il-fuq, l-atturi rridu jindikaw fuq liema bicca raba huma qeghdin jikkontestaw id-drittijiet vantati mill-konvenuti u ghandhom jkunu huma li jintavolaw kawza sabiex jikkontestaw dawn id-drittijiet u mhux l-konvenuti u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

5. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Novembru, 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi din hija kawza ta’ jattanza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jipprocedu *entro’* t-terminu impost mill-Qorti biex javvanzaw il-pretensjoni taghhom fir-rigward ta’ proprjeta’ ta’ parti mill-art imsemmija. Dan wara li l-konvenuti kienu baghtu ittra datata 26 ta’ Marzu lill atturi fir-rigward permezz tal-Avukat taghhom Dr Noel Camilleri.

L-atturi esebew affidavits a Fol 1 *et sequitur* tal-process. Angelo Zammit qal illi l-art kien xtraha nannuh u kienet

moghtija bi qbiela sal-1981. Wara ghaddiet f'idejhom izda milli jidher kien hemm zewgt ikmamar li wara saru zvilupp estensiv u li bdew jghaddu xi nies (ma jghidx min – presumibilment il-konvenuti) u li meta l-atturi talbuhom prova ta' proprjeta' qatt ma tahom xejn ta' valur. Huh Mons Carmelo Zammit xehed dwar it-titolu tal-proprjeta' in kwistjoni, illi ghal din il-kawza ma ghandhom ebda rilevanza ghaliex din m'hijiex azzjoni petitoria. L-istess jinghad ghad-deposizzjonijiet tal-ufficjal tal-Awtorita' tal-Ippjanar u tat-taxxi Interni.

Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002 xehdet il-konvenuta Teresa Gatt li ukoll xehdet dwar il-provenjenza u r-ragel ta' bintha Joseph Agius illi gie mistoqsi diversi mistoqsijiet dwar id-denunzja ta' Teresa Galea, in-nanna tal-konvenuta Gatt. In kontro-ezami pero' xehed illi ilu mnizzewweg ghand il-familja tal-konvenuti tnejn u ghoxrin (22) sena u dejjem jiftakarhom jinzlu fl-ghalqa in kwistjoni. Il-konvenut Prof. Anthony Bonanno ppresenta affidavit a Fol 37 tal-process. Skond dan l-ghalqa kienet inqasment bejn l-eredi tal-ahwa Galea fl-1978 u thalla passagg komuni biex jintlahqu z-zewg porzjonijiet. Kien hemm zewgt ikmamar fuq il-parti li messet lill Guzeppi Galea. Din l-ghalqa tmiss ma' ghalqa ferm ikbar tal-atturi. L-atturi minn *circa* sena qabel bdew jallegaw li wahda mill-eghlieqi hija taghhom. Ilu mizzewweg fil-familja tal-konvenuti mill-1971 u dejjem jaf l-ghalqa bhala ta' Guzeppi Galea, missier martu. Esebixxa kopja tad-denunzja li saret wara l-mewt ta' Guzeppa Galea- omm l-ahwa Galea li mietet fl-1939, biex jikkonferma dan.

Teresa Gatt presentat affidavit fejn qalet li dejjem taf l-ghalqa bhala taghhom Kien dan l-ahhar li l-atturi bdew jivvantaw drittijiet fuq din l-ghalqa. Gemma Curmi prattikament qalet l-istess haga. Frances Aquilina ukoll qalet li dejjem taf l-ghalqa bhala taghhom u esebiet ritratt illi ttiehed zmien ilu li juri lil huha u uliedha hdejn wahda mill-kmamar in kwistjoni.

Il-konvenuti ressqu erba' eccezzjonijiet izda l-Qorti, ghal ragunijiet li jidhru cari iktar il-quddiem se tikkoncentra fuq l-elementi rikjesti biex azzjoni simili tirnexxi.

Dawn huma;

a. **L-attur irid ikollu pussses, *almenut de facto* u *prima facie* tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol XX-II-338);**

**b. Il-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oggett (Vol XXXII-II-287 u XLII-II-1146);**

**c. Il-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-agir tal-attur – Vol XXIV-II-358 u XXXI-I-494 u Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt (Prim Awla-6 ta' Frar, 2004);**

**d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista' tigi esercitata b'azzjoni gudizzjara (Vol-XXXIII-II-287);**

**e. Il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (l-istess kawza indikata f'd.);**

**f. Il-pretensjoni ma ghandiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol-XVI-II-85 u XXI-I-6).**

Dawn il-kondizzjonijiet jew rekwisiti gew elenkati fil-kawza Tabone vs Galea (Prim Awla-11 ta' Dicembru, 2003).

F'din il-kawza fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni attrici tfalli fuq l-ewwel u t-tielet rekwisit. L-atturi huma fil-pussess tal-ghalqa taghhom izda certament li mhux tal-passagg li fuqu inqalghet il-kwistjoni. Dan jirrizulta ampjament anke mill-affidavit ta' l-

attur Angelo Zammit illi jghid – *bdew jghidu li dik il-parti, abusivament okkupata minnhom kienet taghhom.* Ix-xhieda prodotti mill-konvenuti huma ukoll sufficjenti biex jindika dan u jidher car li dan il-passagg kien gia' uzat mill-konvenuti ghall inqas mill-1978;

Hemm imbghad il-kwistjoni tal-provokazzjoni tal-kawza. Jidher car li l-ittra li fuqha qed jibbazaw il-kawza l-atturi kienet b'risposta ghal dik mibghuta mill-attur Angelo Zammit a Fol 76 tal-process u li addirittura stiednet ir-risposta; l-attur infatti ikkonkluda l-ittra bil-kliem (mizjuda minnu bil-miktub) – *Jekk ma nircevi xejn minghandkom nifhem li intom taqblu.*

Fuq skorta konsistenti ta' gurisprudenza – ara l-kawza Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt fuq imsemmija – meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu ma jistghax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni. Kif gie ritenut ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 1999 (Buhagiar vs Busuttil):

*Meta l-attur mexxa jew gieb il-quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni, igib raguni ghaliex qed jirrespingi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja imma tassumi kwalita' ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal ta' l-ahhar ikun qed jesercita d-drittijiet tieghu.*

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------